**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI.**

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAT-28 TA' FRAR, 2023**

**Kawża Numru: 2**

**Rik. Ġur. 423/2015 RGM**

**Elmo Insurance Limited (C 3500)**
**kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha**
**Anthony Bonello u l-istess Anthony Bonello**

**vs.**

**Nicholas Schembri u**
**Manoel Island Yacht Yard Limited**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

1. Rat li b'rikors ġuramentat tat-8 ta' Mejju 2015 l-atturi ppremettew li fl-10 ta' Marzu 2012 seħħ inċident fil-Manoel Island Yacht Yard, il-Gżira meta l-*yacht* 'C'est la Vie', appartenenti lil konvenut Nicholas Schembri waqa' fuq il-*yacht* 'Perhaps' appartenenti lill-attur Anthony Bonello liema *yachts* kienu jinsabu

fil-kustodja tas-soċjeta konvenuta Manoel Island Yacht Yard Limited ('Yacht Yard'). Ġie allegat mill-atturi li huma ġarbu danni fl-ammont komplessiv ta' €16,862.32, fejn €14,562.32 hija somma li għaddiet lill-assikurat tagħha kif kienet obbligata tagħmel a tenur tal-polza t'assikurazzjoni filwaqt li €2,300 huma ħlas ta' *excess* mġarrba minn Anthony Bonello. Ġie premess li huma l-konvenuti jew min minnhom li minħabba imprudenza, imperizja, negliġenza u inosservanza tar-regolamenti, bi ksur tal-Artikoli 1031 u 1032 (1) tal-Kapitolu 16 li seħħ dan l-inċident u danni. Ingħad ukoll li nonostante li l-konvenuti ġew interpellati sabiex jagħmlu tajjeb għad-danni permezz ta' ittra uffiċċjali tat-8 ta' Mejju 2013 u oħra tal-10 ta' Marzu 2014, il-konvenuti ċaħdu kull responsabbilita għal dan l-akkadut. Huwa għalhekk li l-atturi intavolaw din l-azzjoni odjerna u qegħdin jitolbu lil din il-Qorti

"1. Tiddikjara lill-intimati Nichoals Schembri u Manoel Island Yacht Yard Limited, jew min minnhom, unikament responsabbli ghall-incident fuq deskritt u ghad-danni kollha li bhala konsegwenza tal-istess garrbu r-rikorrenti;

2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti fl-ammont komplessiv ta' sittax-il elf tmien mija tnejn u sittin ewro tnejn u tletin centezmu (€16,862.32) in kwantu ghal erbatax-il elf hames mija tnejn u sittin ewro tnejn u tletin centzmu (€14,562.32) favur s-socjeta' rikorrenti Elmo Isurance Limited u in kawntu ghal elfejn u tlett mitt ewro (€2,300) favur ir-rikorrent Anthony Bonello, occorendo bl-opra ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-intimati Nicholas Schembri u Manoel Island Yacht Yard Limited, jew min minnhom, ihallsu lir-rikorrenti l-ammont komplessiv ta' sittax-il elf tmien mija tnejn u sittin ewro tnejn u tletin centezmu (€16,862.32) in kwantu ghal erbatax-il elf hames mija tnejn u sittin ewro

tnejn u tletin centzmu (€14,562.32) favur s-socjeta' rikorrenti Elmo Isurance Limited u in kawntu ghal elfejn u tlett mitt ewro (€2,300) favur ir-rikorrent Anthony Bonello, hekk likwidata.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Mejju 2013 u l-ittra ufficjali tal-10 ta' Marzu 2014, u bl-imghax legali b'effett mit-8 ta' Mejju 2013 kontra l-istess intimati, li huma ngunti ghas-subizzjoni."

2. B'risposta tas-26 ta' Mejju 2015 Nicholas Schembri eċċepixxa li huwa qatt ma jista' jinsab resposnabbli għall-inċident peress li l-*yacht* kien taħt il-kura u kustodja tas-soċjeta Manoel Island Yacht Yard Ltd u kienet l-istess soċjeta li ħadet ħsieb ittella il-*yacht* mill-baħar u tpoġġieh fuq l-art. Eċċepixxa wkoll li l-atturi għandhom jipprovaw illi kien hemm xi negliġenza da parti tiegħu. Mingħajr preġudizzja għadda sabiex eċċepixxa li fid-data tal-inċident kien hemm maltempata kbira illi kkawżat l-inċident in eżami u għalhekk kien każ purament fortuwitu u li seħħ bħala riżultat ta' forza maġġuri li fuqha huwa ma kellux kontroll. Finalment ġie eċċepiet li l-atturi jridu jipprovaw il-*quantum* tad-danni sofferti.

3. B'risposta tal-10 ta' Ġunju 2015, is-soċjeta konvenuta eċċepiet li m'hijiex il-leġittimu kontradittur. Mingħajr preġudizzju ġie eċċepiet ukoll li hi ma tistax tinżamm responsabbli għal ebda danni sofferti mill-atturi u dan peress li l-inċident seħħ minħabba maltempata qawwija li ħakmet il-gżejjer Maltin fil-jum in kwistjoni liema għalhekk tammonta għal *force majeur* jew *Act of God*. Is-soċjeta konvenuta eċċepiet ukoll li s-soċjeta assikuratriċi attriċi għandha ġġib prova tal-obbligu kuntrattwali tagħha li tħallas l-asskikurat tagħha fiċ-ċirkostanzi odjerni. Eċċepiet ukoll li hija m'għandha tħallas ebda danni u fi kawlunkwe każ, l-atturi għandhom iġibu prova tad-danni.

4. Rat il-provi kollha mressqa mill-partijiet.

5. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi tal-15 ta' Ġunju 2022[1] u n-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut tal-14 ta' Settembru 2022[2] filwaqt li s-soċjeta konvenuta ma ppreżentat ebda nota ta' sottomissjonijiet.

6. Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat

**L-Azzjoni Attriċi**

7. L-attur huwa proprjetarju tal-jott bl-isem *Perhaps* li fil-lejl ta' bejn id-9 u l-10 ta' Marzu 2012 ġarrab ħsarat wara li waqa' fuqu il-jott bl-isem C'est la vie, proprjeta tal-konvenut Schembri. Iż-żewħ opri tal-baħar kienu jinstabu fil-Manoel Island Yacht Yard il-Gżira taħt il-kustodja tas-soċjeta' konvenuta. Dak il-lejl kien ħafna riħ li f'mumenti minnhom laħaq forza 9. Filwaqt li d-dgħajsa tal-attur kienet imqiegħda biss fuq il-puntali, id-dgħajsa ta' Schembri apparti l-puntali kellha wkoll *craddle*. L-attur jinsisti li l-jott tiegħu ġarrab ħsarat minħabba imprudenza, imperizja, negliġenza u inosservanza tar-regolamenti mill-konvenuti jew min minnhom u għalhekk intavola l-azzjoni odjerna jitlob il-ħlas ta' danni li huwa sofra.

8. Min-naħa tagħhom il-konvenuti eċċepew li għal raġunijiet minnhom mogħtija m'għandhomx jinsabu responsabbli. Jilqgħu għall-azzjoni attriċi billi jsostnu li l-akkadut seħħ minħabba r-riħ qawwi li ħakem il-gżejjer Maltin f'dak il-lejl u

[1] Fol 254 et seq tal-proċess.
[2] Fol 267 et seq tal-proċess.

allura għandha titqies bħala *act of God*. In oltre it-tnejn jeċċepixxu li l-atturi għandhom jippruvaw id-danni li huma soffrew.

**Provi**

9. Xehed **Anthony Bonello** fejn ikkonferma li hu sid tad-dgħajsa bl-isem Perhaps. Spjega li kull sena itellgħu d-dgħajsa Manoel Island Yacht Yard għal manutenzzjoni, u f'Marzu 2012 ċempilu wieħed mill-Meniġers tal-Yacht Yard fejn qallu biex imur sal-Yacht Yard għax ġara inċident u d-dgħajsa tiegħu kienet involuta. Jispjega li hija l-Yacht Yard li hija responsabbli ittella' d-dgħajsa fuq l-art u jagħmlulha l-puntali – jenfasiżża li l-puntali huwa ma jmisshomx u hija l-Yacht Yard li hija responsabbli. Dwar l-inċident jgħid li l-arblu tad-dgħajsa ta' ħdejn tiegħu waqa' u kissirlu parti mill-mast pero l-body tad-dgħajsa ma ntmessx. Huwa jgħid li l-Yacht Yard kienu qalulu li kienet ċediet il-*cradle* tad-dgħajsa ta' ħdejhom. Meta ġie mistoqsi jekk kienx hemm inċidenti oħra fil-Yacht Yard dak inhar tal-inċident tiegħu, ix-xhud jgħid li ma jafx. Jgħid li wara li sar l-inċident, il-Yacht Yard qalulu sabiex imur ikellem lil tal-*insurance* tiegħu u ħallas €2,300 biex fetaħ il-*claim*. Jgħid li huma għamlu t-tiswijiet kollha, taw l-irċevuti kollha lill-assikurazzjoni u huma tawhom il-flus lura ta' kemm ħarġu spejjeż. Jgħid li wara li sar l-inċident il-Yacht Yard ma kellmuhx aktar dwar l-inċident. Xhed li s-sid tad-dgħajsa li waqgħet fuq tiegħu ma kien tah ebda informazzjoni fuq il-*cradle*.

In kontro-eżami x-xhud jgħid li huwa kien ilu xi 12-il sena jieħu d-dgħajsa il-Yacht Yard. Jikkonferma li bħala proċedura wara li tittella mill-baħar u tinstaq sal-Yard, hija l-Yacht Yard li tieħu ħsieb kollox u ċioe li jtellgħu u jpoġġu l-*yacht* f'postu u l-istess biex titniżżel, hija l-Yacht Yard li tniżżilha sal-baħar. Jikkonferma li dak inhar tal-inċident kien hemm ħafna riħ. Jgħid li huwa meta

mar fuq il-post wara l-inċident, huwa ċċekkja l-puntal tiegħu u sab li kollox kien sew.

10. Xehdet **Fiona Zammit**, *supervisor* fil-*marine department* mas-soċjeta Elmo Insurance. Tispjega li Anthony Bonello kellu polza li tkopri *hull and liability*, li tkopri *accidental damage, storm damage, fire damage, lightening, liability, stranding and grounding.*[3] Tikkonferma li dak inhar tal-inċident il-polza kienet viġenti. Tispjega li huma saru jafu bl-inċident billi l-assigurat tagħhom mar fl-uffiċċju tagħhom f'Marzu 2012 u nformahom b'dak li ġara u huma mill-ewwel bgħatu *surveyer,* lill-Kaptan Mario Grech fuq il-post. Huwa ħejja rapport fejn spjega li d-dgħajsa tal-assikurat tagħhom kienet mal-art u ħdejha kien hemm id-dagħjsa C'est la Vie. Spjegat li din l-aħħar dgħajsa ma kellhiex *cradle* b'saħħtu biżżejjed għax ma kellux biżżejjed sapport, tgħid li qam ir-riħ u dik id-dgħajsa inqalbet fuq id-dgħajsa tal-klijent tagħhom u bil-mast għamlet il-ħsara. Kopja ta' dan ir-rapport ġie ppreżentat mix-xhud. Tispjega li wara li sar dan ir-rapport, iċċekjaw li l-polza kienet tkopri waħda minn dawk il-perikli li kkawża l-ħsarat, il-klijent ġab stimi mingħand Manoel Island Yacht Yard Ltd li sussegwentament intbagħtu lis-*surveyor* fejn dan ikkonfermahom u għalhekk setgħu joħorġu l-pagamenti relattivi. Ikkonfermat ukoll li ingħataw l-irċevuti, li kopja tagħhom hija ppreżentat ukoll. Tgħid li l-pagament kien ta' €16,852 (kopja tal-istima ppreżentata). Ix-xhud spjegat ukoll il s-*surveyor* għamel rapport fuq il-*cradle*, li ġie wkoll ippreżentat. Spjegat li huma bgħatu korrispondenza elettronika lil Yacht Yard biex jaraw jekk investigawx il-każ iżda qatt ma kellhom tweġiba. Ix-xhud ikkonfermat li apparti dik il-*claim* ma daħlu ebda *claim* oħra u tikkonferma li hemm madwar għoxrin jew tletin dgħajsa oħra li jitqedu f'dik l-istess Yacht Yard u li huma assikurati ma' Elmo Insurance.

---

[3] Kopja tal-polza a fol 36.

11. Xehed ukoll il-**Kaptan Mario Grech** li kkonferma r-rapporti tiegħu. Jgħid li huwa kien ġie informat mis-soċjeta Elmo Insurance li kien hemm jott assikurat magħhom li soffra xi danni u mar fuq il-post biex jara. Jgħid li huwa kien sab li d-dgħajsa kienet fuq l-art u fuq in-naħa tax-xellug kien hemm dgħajsa oħra, C'est la vie, li nqalbet u straħet mad-dgħajsa *Perhaps* u kkaġunat diversi ħsarat. Jispjega li mal-lejl ta' bejn id-9 ta' Marzu u l-10 ta' Marzu 2012 kien għamel ħafna riħ qawwi li qaleb il-jott C'est la vie. Meta ġie mistoqsi jekk kienx hemm dgħajjes oħra li ġralhom ħsarat, ix-xhud jgħid li huwa kien staqsa lil rappreżentant tal-Yacht Yard u dan kien qallu li ma kienx hemm oħrajn li sofrew danni. Ix-xhud jispjega li barra *cradle* ikun hemm ukoll *side support*. Ix-xhud jikkjarifika li meta mar biex jagħmel ir-rapport wara l-inċident sab il-jott C'est la vie fuq *side support* biss. Ix-xhud jgħid li *cradle* li kien fuqha C'est la vie kienet mgħawġa bil-piż tal-jott. Jgħid li għalih il-kaġun tal-inċident kien il-*cradle* għax ma tax sapport suffiċjenti.

In kontro-eżami jgħid li huwa ra l-arblu tal-jott C'est la vie fuq il-bejt tal-uffiċini tal-Yacht Yard. Jispjega li l-arblu nqasam bid-daqqa. Qal ukoll li wara l-inċident, il-jott ma reġgħux għamluh fuq il-*cradle* iżda fuq il-puntali. Il-Kaptan ikkjarifika li qabel l-inċident huwa ma kienx ra il-jott u għalhekk ma jistax jgħid jekk kienx hemm puntali barra l-*cradle*, li jista' jgħid huwa li wara l-inċident il-jott tqiegħed fuq il-puntali. Ix-xhud jgħid li dak li huwa żgur huwa li l-jott C'est la vie ma kellux sapport adekwat. Ix-xhud spjega li meta d-dgħajsa tkun fuq l-art u tkun ħadt il-prekawzjonijiet kollha li tkun imqiegħda sew bil-puntali, kunjardi msammrin, etċ, m'hemmx wisq aktar x'wieħed jista' jagħmel. Ix-xhud ikkonferma li huwa ma daħalx fil-kwistjoni ta' min kien approva l-*cradle* għal jott C'est la vie. Jikkonferma li dak inhar tal-inċident kien hemm grigalata. Għal mistoqsija jekk kienx iseħħ dan l-inċident kieku ma kienx hemm grigalata, ix-xhud jgħid li huwa ma jistax jgħid fi żgur pero "x'aktarx li ma kienx iseħħ li

kieku ma kienx hemm ir-riħ"[4]. Jikkonferma li skontu għalhekk l-inċident seħħ minħabba r-riħ.

In ri-eżami jikkonferma l-*cradle* tal-jott C'est la vie kien fuq il-bejt tal-Yacht Yard ukoll. Ix-xhud jikkonferma li biex jitqiegħed jott fuq *cradle* u sapport ieħor jeħtieġ ċertu sengħa. Ix-xhud insista li l-inċident seħħ għax is-*supporting system failed*.

12. Xehed il-konvenut **Nicholas Schembri** permezz t'affidavit. Huwa spjega li huwa kien xtara d-dgħajsa minn barra minn Malta u kien mar għaliha hu. Jgħid li fix-*ship yard* minn fejn ġabarha kienet fuq *cradle* u huwa ħa d-disinn tagħha sabiex jikkummissjona waħda bħala li seta' juża Malta. Jgħid li l-*cradles* ivarjaw skont id-daqs tad-dgħajsa. Ix-xhud jgħid li huwa dejjem qiegħda fil-*yard* ta' Manoel Island. Jgħid ukoll li għalkemm huwa jista' jmur jagħmel xogħlijiet fuq il-jott ġewwa l-*yard*, huwa ma jistax imiss il-*cradle* jew il-puntali. Jgħid li huwa kien ilu juża l-*cradle* mill-bidunett u qatt ma kellu problemi biha. Qal li meta sema' li kien ser ikun hemm maltempata huwa mar jara li ma kien hemm xejn fuq id-dgħajsa li seta' jtir. Qal li fid-9 ta' Marzu 2012 huwa rċieva telefonata tinformah li Alex Gauci, dependant tal-*yard* kien qiegħed jipprova jikkuntatjah u kien qallu li kien ġara xi ħaġa fil-*yard*. Jgħid li huwa mar il-*yard* u sab id-dgħajsa tiegħu mal-art. Jgħid li ħadd mill-*management* tal-*yard* ma kien mar ikellmu. Kompla jispjega li huwa kopert bil-polza t'assikurazzjoni mas-soċjeta Mapfre Middlesea plc u għalhekk għamel *claim* magħhom. Min-naħa tagħhom bagħtu lill-Inġinier Paul Cardona sabiex jagħmel *survey* u jirraporta fuq dak illi kien ġara. Ikkonkluda l-affidavit tiegħu billi qal li huwa kien kellem lil Andrew Wilson, meniġer tal-*yard* u staqsih jekk kienx hemm xi *video footage* iżda r-risposta li ħa kienet li kien wisq maltemp u ma kien jidher xejn.

[4] Fol 123 tal-proċess.

In kontro-eżami spjega li sakemm huwa kien Franza minn fejn huwa xtara d-dgħajsa, id-dgħajjes kienu mqiegħda fuq *cradle* biss u xejn aktar pero li kienu jagħmlu kien li d-dgħajjes kienu jqiegħduhom fid-direzzjoni li ġej ir-riħ. Qal li hemmek kien ikollhom riħ qawwi mill-Majjistral ta' kuljum, imma ras id-dgħajsa kienu jitfgħu ġor-riħ. Ix-xhud qal li ġurnata jew tnejn wara li jneħħi l-jott minn fuq il-*cradle* huwa kien jeħodha l-garaxx tiegħu. Jikkonferma li huwa dejjem ikun preżenti meta tittella d-dgħajsa mill-baħar għal fuq l-art. Bħala puntali x-xhud jgħid li dik is-sena tal-inċidenti kienu tqiegħdu wieħed quddiem u wieħed wara, u wieħed fuq kull ġenb. Fejn u kemm jitqiegħdu puntali jiddeċidihom il-ħaddiem tal-yacht yard pero jekk jara li m'hemmx biżżejjed kien jgħidilhom biex iżidu u kienu jaċċettaw. Jgħid li ġurnata qabel il-maltemp, mar jara jekk kellux xi affarijiet li setgħu itiru, peress li kien imbassar li ħa jkun riħ qawwi u meta kien hemm kellem lil tal-*yard* biex iżidulu l-puntali u kienu qalulu li hija xi ħaġa normali li jagħmlu, pero ma jafx jekk żiduhomx

13. Permezz t'affidavit xehed ukoll **Norman Grech**, *Slips and Hard Standing Manager* mal-kumpanija Manoel Island Yacht Yard Ltd. Jgħid li l-kumpanija twettaq xogħol ta' tiswijiet fuq jotts kif ukoll itellgħu u jaħżnu l-jotts. Jgħid ukoll li l-istess kumpanija timpjega ħaddiema ta' sengħa mħarrġa u mqasmin f'timijiet skont is-sengħa relattiva tagħhom. Huwa kompla jixhed kif ġej:

> "1. Nhar it-Tnejn 30 ta' Jannar 2012 CY C'Est La Vie kien giet merfugha bil crane (hoist) u imserrha fiz-zona tal-uffiċċju prinċipali fuq il-konkrit li kien għadu kif sar ġdid.
> 2. Il-jott kien imserrah bil-pruwa li thares lejn il-bini tal-uffiċini fuq żewġ biċċiet tal-injam ta tliet pulzieri.
> 3. Fuq naħa tax-xellug tiegħu kellu il-jott MY Perhaps jott ta' tmintax il-metru [...]
> 4. Giet segwieta l-proċedura tax-xogħol normali li ladarba l jott jintrefa mill-baħar huwa jiġi trasportat lejn il-post magħżul il-prim jiġi mserħa fuq żewġ injamiet ta' madwar tliet pulzieri u l-jott jitbaxxa sew fuq dawn il-blokki.

5. Imbagħad dawn il-blokki jiġu spezzjonati biex ikun żgur li ħadu piż tal-jott.
6. Il-cradle tal-jott (li ġet fornuta mis-sid) ġiet impoġġija fil-post kif indikat mis-sid. Sitt puntalli oħra ta' 100mm x 100mm ġew miżjuda mal-jott erba' f'nofs is-sezzjoni ta' nofs, wieħed quddiem u wieħed fuq il-poppa.
7. Ladarba il-cradle u l-puntali kienu sew fil-post is-slings tal-krejn jitbaxxew u mneħħija, il-krejn ġie imneħħi minn fuq il-jott.
8. Nhar is-Sibt 10 ta' Marzu 2012 kien imbassar riħ mil-Lvant ta' forza tmienja.
9. Bħala proċedura, tliet ħaddiema b'esperjenza fuq dan it-tip ta' xogħol [...] kienu xoghol fil-post jagħmlu rawnds biex jiċċekkjaw u jaraw jekk hemmx puntalli imwaqqa jew affarijiet oħra li jistgħu jiġrilhom il-ħsara jew perikli oħra.
10. Ghall-ħabta tad-21:10 [tnejn minn tliet ħaddiema] kienu fuq it-tielet rawnd tagħhom, kien għadhom kemm ivverifikaw il-puntali ta' C'est la Vie u tal-madwar kienu sewwa u pproċċedew biex jiċċekkjaw dgħajjes oħra sistematikament fl-istess żona. Kif [it-tielet ħaddiem] kien qed joqrob iż-żona minn direzzjoni oħra ċirka nofs siegħa wara ra lil jot C'est la Vie jistrieħ fuq in-naħa tal-port tiegħu mal-art. [...]
11. Waqt spezzjoni mill-qrib huma raw il-cradle tal-jott kienet imwaqqa fuq ġenb tal-port mgħawġa mis-sezzjoni tan-nofs. Il-puntali tal-injam tal-jott kienu imxerrda taħt il-yacht.
12. Il-parti ta' isfel tal-arblu kien miksur minn tliet postijiet waqt li l-parti ta' fuq kien jistrieħ fuq jott Perhaps.
13. [...]
14. L-ghada filgħodu mexxejna dgħajjes oħra fl-inħawi biex nagħmlu aċċess għal żewġ krejnijiet tas-Swaey biex nerġaw nerfaw il-jott C'est La Vie fil-pożizzjoni wieqfa tiegħu."[5]

In kontro-eżami jgħid li r-rapport li huwa żied fl-affidavit tiegħu kien sar wara l-akkadut mhux aktar pero minn ġimgħatejn wara. Jikkonferma li huwa ma kien żied xejn aktar bejn il-ġuranta li għamel ir-rapport u l-affidavit. Jgħid li milli jiftakar lanqas wara li għamel l-affidavit ma kien żied xejn fih. Spjega li bħala proċeduri meta persuna tiddeċiedi li ser tqiegħed id-dgħajsa f'Manoel Island Yacht Yard, dan jingħata data u ħin fix ħin għandu jġib id-dgħajsa, huma jkunu lesti bil-krejn ħalli jerfa' d-dgħajsa biċ-ċineg. Jispjega li ċ-ċineġ jitqiegħdu f'post partikolari sabiex ma ssirx ħsara lid-dgħajsa. Sid id-dgħajsa C'est la vie

[5] Fol 172 – 173 tal-proċess.

kien klijent li ma kienx l-ewwel darba li poġġa id-dgħajsa hemm u spjega li kienu jafu fejn għandhom iqiegħdu ċ-ċineg mis-snin ta' qabel. Jikkjarifika li sid id-dgħajsa li jagħmel huwa li jieħu d-dgħajsa ħdejn il-moll, imbagħad hija l-yacht yard li tieħu ħsieb ittella d-dgħajsa mill-baħar u tqiegħda f'postha. F'dan il-każ jgħid li d-dgħajsa ittieħed fil-post allokat għaliha, jgħid li niżlu l-jott fuq biċċtejn injamiet (mhux puntali) sabiex id-dgħajsa tiġi invellata u l-piż tagħha (mhux kollu) jiġi trasferit minn fuq iċ-ċineg tal-krejn għal fuq dawn l-injamiet (*blocks*). F'dak il-mument titqiegħed il-*cradle*, (li f'dan il-każ kien provdut minn sid id-dgħajsa) u żiedu żewġ puntali fil-ġenb u waħda wara u waħda quddiem. Il-ħaddiema jivverifikaw li l-piż qiegħed fuq il-puntali. Jikkjarifika li huwa ma kienx preżenti għal dan il-proċess iżda qiegħed jispjega l-proċedura u għalhekk ma jistax jgħid x'ġara eżatt f'dan il-każ. Jgħid li l-*cradle* kienu jżommuha fil-yacht yard anke meta ma kinitx tkun qiegħda tintuża. Meta ġie mistoqsi x'inhi l-proċedura meta jkunu jafu li ser ikun hemm riħ qawwi, ix-xhud spjega li meta jkunu jafu li ser ikun forza 8 ikollhom ħaddiema apposta jaraw id-dgħajjes. Meta ġie mistoqsi jekk jiżdidux il-puntali meta jkunu jafu li ġej ir-riħ, ix-xhud jispjega li mhux possibbli li wieħed iżid il-puntali u dan għaliex il-puntali jitqiegħdu skont kemm huwa kbir il-jott u wkoll wieħed għandu joqgħod attent minħabba l-*hull* li ma ssirlux ħsara u ġeneralment ma jkunx hemm aktar post fejn jiżdiedu aktar puntali. F'dan il-każ kellu żewġ puntali fuq kull naħa, waħda quddiem u waħda wara, jippreċiża li li kieku ma kellux il-*cradle* kien ikollu sitt puntali fuq kull naħa.

Spjega li l-post fejn titqiegħed id-dgħajsa huwa magħżul mix-xuffier tal-kejn u l-assistent tiegħu, it-tnejn impjegati mas-soċjeta Manoel Island Yacht Yard Ltd. Jikkjarifika wkoll li l-injamiet li fuqu jistrieħ il-jott huma proprjeta ta' Manoel Island Yacht Yard Ltd. Ix-xhud jgħid li dak li ingħad fir-rapport hija l-proċedura u ma jistax jikkonferma jekk il-blokok tal-injam ġewx spezzjonati qabel neħħew il-piż minn fuq il-krejn. Spjega li bħala proċedura jkun sid id-

dgħajsa li jindika fejn għandha titpoġġa l-*cradle* sabiex tkun tajba għal mal-jott, pero ma jistax jikkonferma x'ġara f'dan il-każ għax huwa ma kienx preżenti. Dwar il-puntali jgħid li għalkemm huwa ma kienx preżenti meta tqiegħdu, jista jikkonferma l-ammont tagħhom għaliex wara l-inċident dawn kienu għadhom taħt il-jott. Jgħid li fejn tqiegħdu eżatt huwa ma jistax jgħid għax ma kienx preżenti meta tqiegħdu. Ix-xhud reġgħa ġie mistoqsi jekk jiżdidux il-puntali jekk ikun hemm ir-riħ u jaraw li hemm il-bżonn u din id-darba x-xhud qal li iva jekk ikun hemm il-bżonn jagħmluhom. Jikkonferma li dak inhar dak kien l-unika jott li nqaleb.

14. Xehed l-**Inġinier Paul Cardona** fejn spjega li huwa inġinier speċjalizzat f'affarijiet marittimi. Jgħid li fis-sena 2012 huwa kien ġie ikkuntatjat mis-soċjeta Mapfre Middlesea plc, dak iż-żmien Middlesea Insurance, sabiex iħejji rapport u sabiex jinvestiga l-kaġun tal-inċident illi kien seħħ fid-9 ta' Marzu 2012[6] fil-yacht yard ta' Manoel Island. Jgħid li huwa mar il-*yacht yard* fl-10 ta' Marzu 2012 fejn kien sab il-jott C'est laVie maqlub fuq il-ġenb tagħha senjatament fuq ix-xellug tagħha u l-arblu tagħha kien qiegħed jistriħ mal-jott Perhaps. Jgħid li mill-indaġini tiegħu, l-inċiedent seħħ minħabba maltempata li kienet seħħet fil-lejl ta' qabel. Jgħid li l-jott C'est la vie kien impoġġi ġo *cradle* u kienu intużaw il-puntali. Il-puntali jagħti sapport addizzjonali lid-dgħajsa. Jgħid li l-puntali kienu tal-injam. Skont ix-xhud "hija dejjem ir-responsabbilita' tal-yacht yard illi jikkontrollaw b'mod regolari s-sitwazzjoni tal-kunjardi u f'kaz illi dawn jillaxxkaw ikunu jirridu jissikawhom bil-mazza. Dan it-tip ta' kontroll suppost illi jsir b'mod regolari. Naturalemnt il-htiega tal-kontroll jizdied fil-kaz tal-maltemp specjalmnt meta jkun hemm rih qawwi."[7] Ix-xhud jgid li għalkemm ra xi puntali mal-art viċin id-dgħajsa C'est la vie, dawk ma kinux biżżejjed meta wieħed jieħu kont tar-riħ li kien imbassar.Ikompli jgħid li huwa

[6] Fir-rapport tiegħu l-Inġinier jagħmel referenza għal-lejl ta' bejn id-9 u l-10 ta' Marzu 2012 – fol 181 tal-proċess.
[7] Fol 179 tal-proċess.

kien ispezzjona l-*cradle* ukoll u ma kien sab xejn difettuż fiha, u kkonkluda li l-inċident seħħ minħabba li d-dgħajsa ma kelliex puntali għar-riħ li għamel. Skontu il-*cradle* tgħawġet meta waqgħet id-dgħajsa u mhux għaliex l-materjal ċeda f'xi ħin. Il-qsim li kien hemm fl-azzar tal-*cradle* kien kaġun tal-inċident u li l-*cradle* ma kellha ebda sinjal ta' *corrosion* li seta' dgħajjef l-istruttura. Ix-xhud ikkjarifika li l-*cradle* jieħu l-piż vertikali tad-dgħajsa; is-sors prinċipali tad-dgħajsa meta tkun fuq l-art huma l-puntali u l-kunjardi. Fir-rapport tiegħu l-Inġinier jgħid li l-kawża tal-inċident kien riħ qawwi ħafna li kkawża l-jott sabiex jinqaleb fuq ix-xellug.

In kontro-eżami ikkjarifika li l-indaġini li għamel kienet ta' żewġ affarijiet – indaġini dwar l-irjieħat li kien hemm dakinkar u indaġini dwar il-*cradle*. Spjega li l-ewwel titqiegħed fuq il-*cradle* (għalkemm mhux kollha jitqiegħda fuq *cradle* uħud jitqiegħdu fuq puntali biss), imbagħad il-yacht yard iżżid il-puntali biex tirrinforza d-dgħajsa. Qal li f'dan il-każ, il-*cradle* ħadet il-piż tad-dgħajsa, il-puntali imbagħad iżommuha f'posta biex ma toqgħodx tmur min-naħa għal oħra. Jikkonferma li bħala prattika il-yacht yard jinkarigaw żewġ min-nies biex iduru l-kunjardi meta jkunu jafu li ġej ir-riħ, pero f'dan il-każ ma jistax jikkonferma bil-ġurament li laħqu rawha jew laħqu raw li l-kunjardi qegħdin issikatti sew. Ix-xhud spjega li fil-każ odjern l-ewwel ċedew il-puntali u bir-riħ li kien hemm qaleb il-*cradle*. Qal li huwa ċċekkja fejn kienet inqasmet il-*cradle* u sab li l-metall kien ileqq li jfisser li kien għadu kif inqasam u mhux marret għax il-*cradle* kienet dgħajfa. Dwar id-dinamika tal-akkadut, l-Inġinier jgħid hekk:

> "Meta inti ghandek dan it-tip ta' rih jolqot mast, il-mast hafna drabi bir-rih jibda jivvibra, meta jivvibra dan through the stays tal-vapur jitfa' dak il-vibrations fil-hull, il-hull tibda' tivvibra, meta tivvibra hafna drabi jinhallu dawk il-kunjardi, jigifieri dik il-pressjoni li ghamel
>
> Qorti: Bil-moviment ta' caqliq

> Paul Cardona: Dak il-moviment li jkun hemm, dawn jinhallu u jaqghu hekk jigru l-affarijiet."[8]

15. Xehed **Jeffrey Custo**, amministratur u metroloġista fl-uffiċċju meteoroliġiku spjega li bejn id-9 u l-10 ta' Marzu 2012 it-temp kien pjuttost imqalleb u grigalata. Ir-rapport ippreżentat mix-xhud jipprovdi s-segwenti informazzjoni dwar ir-riħ li kien hemm nhar id-9 ta' Marzu 2012: "*Northeast force 4 to 5 becoming East Northeast force 7 to gale force 8 by evening and becoming gale force 8 overnight*."[9] Ir-rapport juri li fid-9 ta' Marzu 2012 kien ħareġ ukoll 'Twissija ta' riħ qawwi' fuq il-gżejjer Maltin.

16. Bħala prova dokumentarja ġie ppreżentat ir-**rapport li ħejja il-Kaptan Matio Grech** datat 13 ta' Marzu 2012, fejn iddeskriva dak li sab meta aċċeda fil-post tal-akkadut mod:

    > "The PERHAPS [...] was lying on the hard at Manoel Island Yacht Yard. Adjacent to it on its port (Windward) side was the sailing yacht C'EST LA VIE [...] and on its sideboard side the yacht VISION. During the night of Friday 9th March 2012 during storm force north easterly winds the sailing yacht C'EST LA VIE toppled off its cradle narrow with its hull missing the PERHAPS, but its mast landing on the PERHAPS causing damages as listed below."[10]

    Ir-rapport imbagħad jgħaddi sabiex jelenka d-danni sofferti mid-dgħajsa bl-isem 'Perhaps'.

17. Prova dokumentarja oħra hija r-rapport ieħor intitolat "Follow Up Report" imħejji wkoll mill-Kaptan Mario Grech (mingħajr data) dwar il-*cradle* li kienet qiegħda żżomm id-dgħajsa C'est la u dan jipprovdi hekk:

---

[8] Fol 197 tal-proċess.
[9] Fol 203 tal-proċess.
[10] Fol 81 tal-proċess.

"1. The main supporting beams of the cradle are made up of two section each having a side support made up of 80x80mm galvanized steel hollow sections supported on the sided by 40x40mm angle iron and on the inner part held in by a Ø50mm round pipe.

2. Each of the two port and starboard side supports were connected to each other via an adjustable hollow section inserted in the 80x80mm hollow section support at ground level. This whole cradle was found to have bent at this adjoining hollow section.

3. The two forward side supports were independent of the two aft supports with no securing between the fore and aft cradles to form one whole secure support structure.

4. The main upright supports (80 x 80mm) were found to be constructed vertical to the ground hence proving limited support to lateral forces acting on the yacht it supported. The uprights are required to be spread further apart so that they support the yacht angled inwards thus providing optimum support, which was not the case."[11]

18. Fir-rapport tal-Inġinier Paul Cardona datat 9 ta' Novembru 2012 taħt it-titolu *Cause of Damage* ingħad hekk "*The damage now found and reported upon has been caused by an incident of very stong winds which caused the vessel to fall on its port side*."[12]

Ikkunsidrat

**L-Azzjoni Attriċi.**

19. Fl-ewwel talba tagħhom l-atturi qed jitolbu dikjarazzjoni li l-konvenuti jew min minnhom huma "unikament responsabbli ghall-incident fuq deskritt u ghad-danni kollha li bhala konsegwenza tal-istess garrbu r-rikorrenti."

[11] Fol 55 tal-proċess.
[12] Fol 183 tal-proċess.

20. Il-Qorti titlaq mill-premessa li f'dan il-każ m'hemmx dubju – anke in vista ta' dak li ingħad fir-rapporti tal-esperti li ġew inkarigati *ex parte* sabiex jirrapportaw il-ħsarat imġarrba – li l-ħsarat li ġarbet id-dgħajsa tal-attur Anthony Bonello hija konsegwenza diretta tal-akkadut meta d-dgħajsa proprjeta tal-konvenut Nicholas Schembri waqgħet minn posta u l-arblu tagħha waqa' fuq id-dgħajsa tal-attur fil-lejl ta' bejn id-9 ta' Marzu u l-10 ta' Marzu 2012 u kkaġuna d-danni reklamati mill-atturi. Hadd mill-konvenuti ma jimputa xi tort fuq l-attur. Għall-kuntrarju tista' tgħid li qed iwaħħlu f'xulxin. L-assikurazzjoni attriċi qed tfittex għad-danni li ħallset b'surroga lill-attur l-ieħor. L-attur qed ifittex għall-ammont tad-danni li ma rkuprax mingħand l-assikurazzjoni attriċi.

21. Jeħtieġ għalhekk li jiġi determinat jekk għal dak li seħħ hemmx responsabbilita' fuq spallejn il-konvenuti jew min minnhom.

22. Ir-responsabbiltà għad-danni tista' tkun waħda kuntrattwali, u ċioe responsabiltà għal danni li jemanu minn nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' obbligazzjoni li jkun ġie ikkuntrattat[13], jew inkella extra-kuntrattwali jew akwiljani (li titnissel minn delitt jew kważi delitt) u ċioe responsabbiltà għal danni kaġunati minn kwalsiasi fatt illeċitu, sew jekk jiġi kommess b'dolo jew malizja, sew jekk jiġi magħmul bis-sempliċi negliġenza jew kolpa u ħtija ċivili[14]. Ir-responsabbiltà għad-danni tista' wkoll temani minn provvediment legali li jistipula ċirkostanza jew ċirkostanzi partikolari meta hemm responsabbiltà għal riżarċiment ta' danni.

23. Kif intqal fis-sentenza "**Godwin Azzopardi vs Paul Azzopardi"** mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-31 ta' Jannar, 2003 (mhux appellata):

---

[13] Artikolu 1125 et seq tal-Kodiċi Ċivili.
[14] Artikolu 1030 et seq tal-Kodiċi Ċivili.000

> "Huwa principju generali bil-wisq notorju illi n-natura u l-indoli ta' l-azzjoni ghandhom jigu dezunti mit-termini ta' l-att li bih jinbdew il-proceduri. Il-'kawza' ta' domanda hija r-raguni guridika taghha, ossija l-*fundamentum agendi* taghha (Vol. XI p 401). Din il-kawza, li hija l-origini tad-domanda, tiddistingwi ruhha mill-oggett tac-citazzjoni, li huwa "cio` che e` attualmente domandato" (Vol. X p 926);"
>
> (…)
>
> "Dan ghaliex il-Qorti ghandha toqghod biss fuq il-kawzali u t-talba dedotta, u xejn izjed" (Vol. XXXIX P I p 243). Li jfisser li l-Qorti ghandha fl-ghoti tas-sentenza taghha toqghod rigorosament fil-limiti tal-kontestazzjoni, u entro it-termini tac-citazzjoni u ta' l-eccezzjonijiet;"

24. Minn qari tar-rikors promotur jirriżulta illi l-atturi mhux isejsu l-azzjoni tagħhom kontra s-soċjeta' konvenuta fuq pretiża ta' ksur tal-obbligi tagħha naxxenti minn kuntratt ta' depożitu bi ħlas fit-termini tal-artikoli 1899 et sequitur tal-Kodiċi Ċivili intitolati "Fuq l-obbligi tad-Depożitarju". Dan għaliex kienu l-istess atturi illi rabtu l-azzjoni tagħhom mal-artikoli 1031 u 1032 (1) tal-Kodiċi Ċivili[15] bl-ebda referenza fil-premessi għall-kuntratt li evidentement kien hemm fil-ħin tal-akkadut bejn l-attur u s-soċjeta' konvenuta. L-atturi qed jixlu liż-żewġ konvenuti b'*culpa aquiliana* fit-termini tal-artikoli 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili minnhom ċitati fir-rikors promotur.

25. Kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu (**Artikolu 1031 – Kap.16**). Jitqies fi ħtija kull min fl-azzjonijiet tiegħu ma jużax il-prudenza, diliġenza, u l-attenzjoni ta' *bonus pater familias* (**Artikolu 1032**). Għalhekk kull persuna li għaliex trid, jew għaliex naqset mill-prudenza jew diliġenza, tagħmel jew tonqos li tagħmel xi ħaġa li biha tikser dmir impost fuqha mil-liġi, hija obbligata tħallas għall-ħsara li sseħħ minħabba f'hekk, ukoll jekk dan ikun sar mingħajr

[15] Ara l-ħames premessa tar-rikors ġuramentat.

il-ħsieb li tagħmel ħsara lil ħaddieħor (**Artikolu 1033** tal-Kapitolu 16). Finalment l-**Artikolu 1045** tal-Kodiċi Ċivili jistabbilixxi kif jitqiesu d-danni u dan billi jgħid li l-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qliegħ ieħor attwali, u t-telf ta' qliegħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċita għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jġib. Is-somma li għandha tiġi mogħtija għal din l-inkapaċita tiġi stabbilita mill-qorti, wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ u b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapaċita ikkaġunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara.

26. Dawn il-prinċipji ġew kkunsidrati diversi drabi mill-qrati nostrana fosthom fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tat-12 ta' Diċembru 2002 fil-kawża fl-ismijiet **Emmanuel Sammut et vs. Chief Government Medical Officer et** (Ċit Nru 2804/1996) fejn ġie reaffermat li:

> [...] ghal dik li hija responsabbilta` tal-incident de quo skond l-**artikolu 1031 tal-Kap 16** jinghad li "kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu". **("Paul Zahra vs Direttur tad-Dipartiment tax-Xoghlijiet Pubblici" -** A.C. 3 ta` Dicembru 1991). Illi ai termini tal-**artikolu 1032 tal-Kap 16** "jitqies fi htija kull min bl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta` missier tajjeb ta` familja". Illi fis-sentenza **"Anthony Zerafa vs Joseph Sacco"** (P.A. (RCP) 29 ta` Marzu 2001) inghad illi "minn dawn l-artikoli kollha ma hemm l-ebda dubju li kull min minhabba n-nuqqas ta` attenzjoni tieghu, b`negligenza u b`nuqqas ta` prudenza fil-grad rikjest mill-ligi jikkawza bl-atti jew bin-nuqqasijiet tieghu jikkawza hsara lill-haddiehor, ghandu jirrispondi ghal tali hsara hekk ikkawzata, u dan jaghti lok kemm ghall-azzjoni kriminali u kemm ghall-azzjoni civili".

27. F'azzjoni għad-danni bħalma hi dik odjerna, sabiex attur ikollu suċċess fit-talbiet tiegħu jeħtieġlu l-ewwelnett jipprova illi seħħ fatt dannuż bi ksur tal-liġi, illi dak il-fatt dannuż huwa riżultat ta' għaġir ta' konvenut li naqas li jaġixxi

bil-prudenza, bid-diliġenza u bil-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja; u t-tielet id-danni subiti. Jeħtieġ għalhekk fuq kollox li jiġi stabbilit in-ness bejn id-danni subiti u l-aġir dannuż. Fis-sentenza **George Thomas Davison vs. Joseph Azzopardi noe** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kummerċjali fit-2 ta' Marzu 1962 ingħad hekk:

> "mill-analisi tal-istess disposizzjonijiet tal-liġi jirriżulta illi għall-applikazzjoni tagħhom għandhom jikkonkorru tliet elementi, li huma (1) il-fatt dannuż illeċitu, (2) l-imputabilita tal-istess fatt għal min ikun għamlu, u (3) id-dannu kaġunat minn dak l-istess fatt. Dawn it-tliet elementi għandhom bilfors jikkonkorru f'delitt ċivili, jew fi kważi-delitt [...] mhux biżżejjed li tiġi konstata l-ħtija, imma hu meħtieġ ukoll li jiġi stabbilit li dik il-ħtija kkaġunat dannu attwali u valutabbli u pruvat b'mod ċert."

28. Element kardinali fl-evalwazzjoni tar-responsabbilita' għad-danni huwa l-prevedibilita' o meno tad-dannu reklamat b'konsegwenza tal-agir jew ommissjoni ta' min ikkaġuna l-fatt dannuż. Il-possibilita' remotissima ta' danni tista' tiskolpa lil min ikun mixli li kkaġuna d-danni. Bil-maqlub, jekk id-dannu li ġie kkaġunat kien raġonevolment prevedibbli, min bl-għaġir tiegħu wassal għall-fatt dannuż jitqies li ma aġixxiex bi prudenza, b'diliġenza u bil-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja u għalhekk huwa responsabbli għad-danni konsegwenza tal-fatt dannuż.

29. Kif ġie ritentu fis-sentenza **Joseph Apap vs. Frank Borg pro et noe** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fit-2 ta' Ġunju 2009:

> "In-nozzjoni tal-*colpa* fis-sistema legali taghna hija bazata fuq il-prevedibbilita` **(Annunziato D'Amato et v. Joseph Camilleri et**., 3 ta' Marzu 1958, Vol XL11 p1 p 74) u biex ikun hemm lok ghad-danni jehtieg li wiehed seta' jipprevedi d-dizgrazzja li kkagunat id-dannu. Il-prevedibbilita` trid tkun ta' probabilitajiet ragonevoli u mhux ta' possibilita` remotissima u inverosimili: **Francis Coleiro nomine v. Carmelo Cassar**, 24 ta' April 1964. Il-gudizzju ta' din l-prevedibbilita` fil-konkret hu

mbaghad effettwat skond il-kriterji ta' dik id-diligenza u attenzjoni tal-*bonus paterfamilias* li jippreciza l-Artikolu 1032."

**Il-Prevedibilita' vs. Forza Maġġuri**

30. Tenut kont iċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ,marbut sfiq mal-konsiderazzjonijiet dwar il-prevedibilita' hemm l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti illi dak li seħħ kien riżultat ta' forza maġġuri.

31. <u>In vista tad-difiża mressqa mill-konvenuti,</u> il-punt tat-tluq u li ser jiġi l-ewwel ikkonsidrat huwa **Artikolu 1029 tal-Kodiċi Ċivili** li jiprovdi li

> "Kull ħsara li tiġri b'aċċident jew b'forza maġġuri, ibatiha, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa tal-liġi li tgħid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tiegħu tiġri l-ħsara."

32. Ingħad fis-sentenza **Mario Borg vs. Dr Mark Busuttil noe** deċiża mill-Prim'Awla fis-27 ta' Ġunju 2019 li

> "Il-forza maġġuri hija waħda mill-ġrajjiet li jeskludu r-responsabilita` delittwali, għaliex ma tistax tiġi evitata bl-użu tad-diliġenza normalment mistennija f'sitwazzjoni partikolari. Għalkemm mhux normalment isir hekk fil-kamp ċivili, konċettwalment, il-forza maġġuri tista' tiġi magħżula mill-każ fortuwitu (dak li fil-liġi Ngliża jissejjaħ *Act of God*) li hu fatt kollu kemm hu barrani għall-kondotta tal-aġent u tali li jikkostitwixxi l-unika kawża tal-ġrajja. Min-naħa l-oħra, twassal għall-forza maġġuri dik il-ġrajja li, għalkemm ikkawżata mill-aġent, ma tiddependi bl-ebda mod mill-kuxjenza jew ir-rieda tiegħu, billi tiġi pprovokata minn forza irreżistibbli tan-natura. B'danakollu, id-distinzjoni hija iktar ta' siwi akkademiku milli prattiku, għaliex kemm il-każ fortuwitu kif ukoll il-forza maġġuri jrid ikollhom il-karatteristiċi tal-**eċċezzjonalita`, tal-inevitabilita` u, kultant, tal-imprevedibilita`**. Meta l-ġrajja tkun inevitabbli, ikun hemm in-nuqqas tar-rapport ta' kawżalita` bejn il-fatt u d-dannu, u ebda risarċiment ma

jkun dovut mill-awtur tal-fatt, għalkemm ikun materjalment parteċipi fl-azzjoni."[16]

33. Il-ġurisprudenza tgħallem li biex tirnexxi d-difiża tal-każ fortuwitu, mhux biżżejjed li jkun hemm ġrajja mhux tas-soltu, sproporzjonata, u li tiġri mill-forzi tan-natura, imma jeħtieġ li din tkun inevitabbli, b'mod li ma tistax tiġi evitata bid-diliġenza ordinarja tal-*bonus pater familias*. Min jallega ċirkostanza bħal din, jaqa' fuqu l-piż li jippruvaha.

34. Sabiex jiġi ppruvat li dak illejl li seħħ l-akkadut kien hemm riħ qawwi, inġib bħala xhud rappreżentant tal-uffiċju metroloġiku. M'huwiex ikkontestat lanqas mill-attur Bonello li dak illejl kien hemm riħ qawwi. Il-Qorti iżda tagħraf li llum il-ġurnata t-tbassir tat-temp joħroġ minn ġranet qabel. Fid-9 ta' Marzu 2012 ħareġ twissija li ser ikun hemm riħ qawwi matul il-ġurnata u l-lejl. Tant hu hekk illi kemm l-attur Bonello u kemm il-konvenut Schembri marru jiċċekkjaw li m'għandhom xejn fuq il-jotts tagħhom li jistgħu itiru jew jikkawżaw ħsara u min-naħa tas-soċjeta konvenuta hija kienet ċerta li jkollha tnejn mill-ħaddiema tagħha sabiex jagħmlu ronda tal-jottijiet sew qabel kif ukoll waqt il-ħin li kien imbassar ir-riħ qawwi. Il-Qorti tqis għalhekk li r-riħ kien wieħed prevedibbli u kien jimporta fuq is-soċjeta konvenuta li tieħu dawk il-miżuri meħtieġa sabiex fil-limiti tal-possibbli jittieħdu l-prekawzjonijiet meħtieġa sabiex tiġi evitata l-ħsara.

35. Għalkemm il-grigalati fil-gżejjer Maltin m'humiex xi ħaġa tal-kuljum, lanqas ma jista jingħad li din kienet l-ewwel darba li kellna riħ qawwi mill-grigal. Tant li mill-provi deher li s-soċjeta konvenuta stess għandha *standard procedures* ta' x'għandu jsir meta jkun imbassar li ħa jkun riħ qawwi. Ingħad mis-soċjeta'

[16] Ara wkoll **Michael Camilleri vs. Emanuel Camilleri et** deċiża mill-Prim'Awla fil-15 ta' Lulju 2022; **John Camilleri et vs. Captain Morgan Leisure Ltd** deċiża mill-Prim'Awla fl-1 ta' Diċembru 2011; **George Holland vs. Il-bastiment Maryanne** mogħtija mill-Prim'Awla fis-7 t'Ottubru 2015.

konvenuta li bħala proċedura, apparti li jkollhom impjegati żejda sabiex jissorveljaw il-jottijiet, dawn l-impjegati għandhom iduru l-jottijiet u jaraw li s-sapport huwa wieħed adegwat u f'postu, u fejn ikun hemm il-bżonn iżidu dak is-sapport. Sfortunatament iżda ma ġiex muri fil-mori ta' dawn il-proċeduri x'verament sar, jekk ġewx iċċekkjati l-puntali tad-dgħajsa tal-konvenut, jekk żidux il-puntali fuq l-istess dgħajsa jew xi prekawzjonijiet ħadu.

36. Li bħala prekawzjoni żdiedu l-ħaddiema hija azzjoni tajba fiċ-ċirkostanzi in diżamina iżda mhux suffiċċjenti. Il-proċedua qiegħda hemm biex tiġi segwieta iżda jmiss ukoll jiġi ppruvat li dik il-proċedura verament ġiet segwita. Din il-Qorti tqis li dak li ġie ippreżentat huwa biss rapport minn persuna li qagħad fuq dak li qallu ħaddieħor; dan ix-xhud fil-fatt fl-ebda ħin ma seta' jikkonferma li l-puntali tad-dgħajsa tal-konvenut ġew iċċekjati, lanqas kien f'posizzjoni jgħid jekk żidux puntali u lanqas ma jista' jgħid kif waqa l-jott tal-konvenut. Ħadd mill-ħaddiema li raw il-jott jaqa' ma tressaq bħala xhud sabiex jixhdu dwar eżatt x'ġar u x'raw huma b'għajnejhom.

37. Il-Qorti lanqas ma tista' tinjora l-fatt li ġie ppruvat li ma kien hemm ebda dgħajjes oħra li dak inhar inqalbu jew sarilhom xi ħsarat bir-riħ; li kieku kien ir-riħ waħdu mingħajr negliġenza umana, wieħed jifhem li l-istess riħ kien iħalli ħerba sħiħa fil-*yacht yard*.[17]

38. Iż-żewġ esperti tekniċi imqabda *ex parte* mill-partijiet rispettivament ikkonfermaw li l-akkadut seħħ minħabba r-riħ pero jgħidu wkoll li tali akkadut seħħ għaliex ma kienx hemm sapport adegwat meta mqabbel mar-riħ li kien imbassar. Filwaqt li l-Kaptan Grech jgħid li l-*craddle* tad-dgħajsa tal-konvenut

---

[17] Ara **John Camilleri et vs. Captain Morgan Leisure Ltd** deċiża mill-Prim'Awla fl-1 ta' Diċembru 2011; **George Holland vs. Il-bastiment Maryanne** mogħtija mill-Prim'Awla fis-7 t'Ottubru 2015; **Elmo Insurance Ltd vs. Carlo Sciberras noe** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fis-17 ta' Ġunju 2019.

ma kinitx b'saħħitha biżżejjed biex iżomm il-piż tad-dgħajsa tal-konvenut li waqgħet, l-Inginier Cardona jispjega li l-*craddle* tad-dgħajsa tal-konvenut ċediet meta biċ-ċaqliq tad-dgħajsa hija inqalbet u nkisret bil-piż tad-dgħajsa. Jixhed pero' l-*cradle* ċediet u inkisret mhux għax ma kinitx b'saħħitha biżżejed jew għaliex kellha s-sadid iżda għaliex il-piż waqa b'tali mod li l-*craddle* ma kinitx iddisinjata li tieħu dak il-piż f'dak l-angolu li waqgħet u allura ċediet għal piż tal-jott. L-istess espert jgħid li minfejn inqasmet il-*craddle* kien jidher li huwa frisk u ma kien hemm l-ebda sinjali ta' sadid fuqha.

39. Din il-Qorti tħoss li f'dan il-każ għandha toqgħod fuq l-ispjega mogħtija mill-Inġinier Cardona propju għaliex huwa kien mar fuq il-post meta d-dgħajsa proprjeta tal-konvenut kienet għada ma ġietx imċaqalqa wara li seħħ l-inċident.

40. Il-Qorti fehmet li bir-riħ qawwi ta' dakinhar id-dgħajsa tal-konvenut bdiet tiċċaqlaq / titbandal b'moviment li per konsegwenza ċedew il-puntali li fuqhom kienet qed isserrah id-dgħajsa tal-konvenut. Fehmet li l-għan tal-*craddle* huwa li żomm id-dgħajsa f'posta iżda huma l-puntali li għandhom l-iskop li d-dgħajsa ma tagħmilx movimenti anke f'każ ta' riħ qawwi. Tant dan huwa l-każ li skont ir-rappreżentant tas-soċjeta konvenuta, ħafna mid-dgħajjes li hemm fl-istess *yacht yard* huma mserħin biss fuq puntali u m'għandhomx *craddles*. Qatt ma inġabet prova mis-soċjeta konvenuta li ma kienx hemm post fejn jiżdiedu aktar puntali mad-dgħajsa tal-konvenut. Jekk is-soċjeta konvenuta ħasset li ma kellix iżżid il-puntali għax hemm il-*craddle* dak huwa nuqqas tagħha għaliex il-*craddle* u l-puntali jintużaw għal għanijiet differenti.

41. Għandu jingħad li mill-provi irriżulta u anke ġie kkonfermat mir-rappreżentanti tas-soċjeta konvenuta stess, li s-sapport tad-dgħajjes u ċioe il-

puntali huma responsabbilita esklussiva tagħhom u ebda sid tad-dgħajsa ma jista' jmisshom, inaqqas jew iżid minnhom. Dan ifisser għalhekk li kienet s-soċjeta konvenuta li kellha tassigura li d-dgħajsa tal-konvenut kellha biżżejjed puntali sabiex tilqa' għar-riħ li kien imbassar u ma tagħmilx movimenti li jistgħu iwasslu għal dak li eventwalment seħħ.

42. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti hi tal-fehma li ma rriżulta xejn li ma kienx prevedibbli jew irreżistibbli. B'diliġenza ordinarja dan l-akkadut seta' jiġi evitat u għalhekk ma taqbilx mad-difiża tal-konvenuti li dan seħħ minħabba forża maġġuri. Intwera b'mod ċar ukoll li r-responsabbilita' hija unikament tas-soċjeta konvenuta. Ġie maħluf mill-esperti tekniċi li d-dgħajsa ċediet għaliex ma kellhiex puntali biżżejjed għar-riħ li kien imbassar. U ġaladarba l-puntali huma responsabbilita tas-soċjeta konvenuta, seħħet negliġenza min-naħa tagħha meta naqset milli tassigura li d-dgħajsa tal-konvenut li kienet biswit dik tal-attur kellha biżżejjed puntali sabiex tilqa' għar-riħ qawwi li kien imbassar kif ukoll li naqset milli tassigura li l-puntali li kien hemm ma kienux illaxkaw.

43. Irriżulta kjarament illi hemm ness dirett bejn in-nuqqasijiet tas-soċjeta' konvenuta li wassal sabiex id-dgħajsa tal-konvenut fil-kura u kustodja tagħha tegħleb bil-konsegwenza li l-arblu tagħha waqa' fuq id-dgħajsa tal-attur, u d-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur fl-opra tal-baħar tiegħu. Għaldaqstant il-Qorti qed tiddeċiedi illi hija s-soċjeta konvenuta unikament responsabbli għall-fatt dannuż u li fit-termini tal-artikoli 1032 u 1033 tal-Kodiċi Ċivili għandha tagħmel tajjeb għad-danni konsegwenzjali reklamati mill-atturi.

**Liwkidazzjoni tad-danni**

44. Hekk determinat li s-soċjeta konvenuta Manoel Island Yacht Yard Ltd hija responsabbli għad-danni reklamati mill-atturi imiss issa li jiġi determinat il-*quantum* tad-danni.

45. Is-soċjeta attriċi qiegħda titlob il-ħlas tas-somma ta' sittax-il elf tmien mija tnejn u sittin ewro tnejn u tletin centezmu (€16,862.32) in kwantu ghal erbatax-il elf ħames mija tnejn u sittin ewro tnejn u tletin ċenteżmu (€14,562.32) favur s-soċjeta attriċi Elmo Isurance Limited u in kawntu għal elfejn u tlett mitt ewro (€2,300) favur l-attur Anthony Bonello.

46. Il-Qorti rat li l-attur Bonello huwa kopert b'assikurazzjoni mas-soċjeta assiguratriċi Elmo Insurance u li għandha obbligu kuntrattwali li tħallas lill-asskiurat tagħha fiċ-ċirkostanzi odjerni.

47. Ir-rappreżentanta tas-soċjeta attriċi, Fiona Zammit, ippreżentat kopja tal-irċevuti tad-danni li soffrew u li ġew attwalment imħallsa. Dawn l-irċevuti ma ġewx ikkontestati mill-konvenuti. Il-Qorti tqis li l-atturi seħħilhom jippruvaw sodisfaċentement il-*quantum* tad-danni minnhom reklamati.

48. Għalhekk qed tillikwida d-danni li għalihom hi responsabbli s-soċjeta' konvenuta fis-somma ta' sittax-il elf tmien mija tnejn u sittin ewro tnejn u tletin centezmu (€16,862.32).

**Imgħax Legali**

49. Meta l-ammont pretiz in linea ta' danni ma jkunx danni *da liquidarsi* imma jkun ammont definit u indikat fl-att promotur, kif ġara fil-każ odjern, il-Qorti

tista’ tordna li l-imghax legali jibda jiddekorri mid-data tal-preżentata tal-kawża (ara **Mario Sacco vs. Peter F. Muscat Scerri et.** - Qorti tal-Appell (sede Superjuri) - 31 ta’ Jannar 2003). Fil-każ odjern it-8 ta’ Mejju, 2015.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta’ u tiddeċiedi l-kawża billi,

1. **Tilqa’** l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Nicholas Schembri u tiddikjara illi l-konvenut Nicholas Schembri ma hux responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża;

2. **Tiċħad** l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjeta konvenuta Manoel Island Yacht Yard Ltd fejn eċċepiet li ma hiex il-leġittimu kontradittur;

3. **Tiċħad** ir-rimanenti eċċezzjonijiet tas-soċjeta konvenuta Manoel Island Yacht Yard Ltd;

4. **Tilqa’** l-ewwel talba tal-atturi, **tiddikjara** lis-soċjeta konvenuta Manoel Island Yacht Yard Limited unikament responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża li seħħ fil-lejl ta’ bejn id-9 u l-10 ta’ Marzu, 2012 fil-Manoel Island Yacht Yard ġewwa l-Gżira, u għad-danni kollha kaġunati lil yacht tal-attur fl-istess inċident kif reklamati mill-atturi;

5. **Tilqa’** t-tieni talba tal-atturi, **tillikwida** d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont komplessiv ta’ sittax-il elf tmien mija tnejn u sittin ewro, u tnejn u tletin ċenteżmu (€16,862.32) in kwantu għal erbatax-il elf ħames mija tnejn u sittin ewro tnejn u tletin ċenteżmu (€14,562.32) favur s-soċjeta attriċi Elmo

Isurance Limited u in kawntu għal elfejn u tlett mitt ewro (€2,300) favur l-attur Anthony Bonello;

6. **Tilqa'** it-tielet talba tal-atturi, **tikkundanna** lis-soċjeta konvenuta Manoel Island Yacht Yard Limited tħallas lill-atturi l-ammont komplessiv ta' sittax-il elf tmien mija tnejn u sittin ewro tnejn u tletin ċenteżmu (€16,862.32) in kwantu għal erbatax-il elf ħames mija tnejn u sittin ewro tnejn u tletin ċenteżmu (€14,562.32) favur s-soċjeta attriċi Elmo Isurance Limited u in kawntu għal elfejn u tlett mitt ewro (€2,300) favur l-attur Anthony Bonello, bl-imgħax legali mit-8 ta' Mejju, 2015.

**Bl-ispejjeż** kontra s-soċjeta' konvenuta Manoel Island Yacht Yard Limited.

**Moqrija.**

**Robert G. Mangion**

**Imħallef**

28 ta' Frar 2023

**Lydia Ellul**

**Deputat Registratur**